# ĠANNI MAGRO
# L-IMPRENDITUR XEWKI TA' SUĊĊESS

IN-NEPUTIJA ĠANNINA FARRUGIA



Żgur li kulħadd hu konxju tal-grupp ta' kumpaniji Magro Brothers, imma forsi mhux kuma inqas dawk li huma konxji ta' min kien il-bidu, il-moħħ u ż-żerriegħa ta' din l-azjenda, li llum kibret u nfirxet sew kemm f'Malta u anke barra minn xtutna. Ngħiduha mill-ewwel, dan is-suċċess jaf il-bidu tiegħu lix-Xewki Giovanni (Ġanni) Magro li kien miżżewweġ lil Giovanna Grech.

Giovanni, jew Ġanni, kien r-raba' wild fost l-għaxra li kellha l-koppja Salvatore Magro u Giovanna Agius. Kienu t-tnejn Xewkin. Iżżewġu nhar id-19 ta' Frar 1859 fix-Xewkija u komplew jgħixu fl-istess raħal.

Nafu li Ġanni twieled fis-sebgħa ta' filgħodu tat-30 ta' Mejju 1866, wisq probabbli fid-dar tal-familja tagħhom stess li kellhom f'numru 50 Via Migarro (Triq L-Imġarr), viċin ħafna tal-kappella tal-Madonna tal-Ħniena. Fi twelidu, missieru kien jgħodd is-46 sena u ommu kellha 33 sena. Kif kienet id-drawwa dakinhar, minħabba l-fatt li kważi nofs it-trabi li kienu jitwieldu f'Għawdex kienu jmutu qabel jagħlqu l-ħames snin, missieru għammdu fl-istess ġurnata ta' twelidu. Ġie mogħti l-ismijiet ta' Ġanni, Karmnu u Mikiel, imma kellu jkun magħruf bħala Ġanni għall-patrun San Ġwann il-Battista.

Minkejja li meta kellu ħames snin, l-iskola primarja tax-Xewkija kienet ġa qed tiffunzjona, jidher li hu qatt ma attenda l-iskola. Id-daqqa t'id tiegħu fl-għelieqi u fir-razzett kienu meħtieġa u naħseb hu stess kien jippreferihom mir-riġidità tal-klassi. Għaldaqstant ma niskantawx kif qatt ma tgħallem jikteb u jaqra. Kien minħabba f'hekk ukoll li anqas kellu dritt għall-vot. Ta'min jgħid li dik il-ħabta kienu biss 42 li setgħu jivvutaw u fost dawn 10 qassisin! Imma Ġanni kellu memorja eċċezzjonali li kienet tikkumpensa sew l-illiterizmu tiegħu.

Ma damx ma sar magħruf bħala Ġanni l-Għakrex. Salvina Camilleri, née Farrugia, tiftakar lil ommha ssemmi li dan il-laqam ġie minħabba l-abilità tiegħu li jegħleb l-ostakli fl-għelieqi u fil-ħajja ta' madwaru, kif ukoll għall-kapaċità li kellu li jixxabbat mal-ħitan.

Sa minn żogħżitu ninnutaw li beda ħiereġ fil-beraħ l-aspett intraprenditorjali tiegħu. Għandna għax nemmnu, li dak li kien jara fi tfulitu quddiem id-dar tiegħu, jiġifieri l-karrettuni mimlija merkanzija li kienu jgħaddu lejn il-port tal-Imġarr u lura żgur ħalla impatt fuq il-linja li kellu jaqbad. Nafu li ta' madwar 20 sena, kien diġà beda jagħmel xi negozju f'ismu personali.

Fl-età ta' 25, sewwasew nhar is-7 ta' Frar 1891, Ġanni żżewweġ lil Ġovanna Grech, bint Wiġi Grech u Maria Abela, t-tnejn mix-Xewkija. Marru joqogħdu f'dar qadima iżda spazjuża fit-tarf ta' sqaq li kien jagħti għal Triq San Żakkarija. Hemm kien hemm remissa li nistgħu ngħidu li kienet il-post fejn beda n-negozju tiegħu.

Ġanni l-Għakrex u Ġanna kif kienu aktar magħrufa kellhom għaxart itfal: erba' subien u sitt ibniet. Dak iż-żmien kienet in-norma li l-familji jkunu numerużi. Dawn kienu Salvatore, Caterina, Maria Assunta, Caterina, Aloysius, Carmela, Franciscus, Joanna (13 t'Ottubru 1907), Joanna (19 ta' Marzu 1910) u Emmanuele.

L-aspett intrapenditorjali tiegħu narawh ukoll meta kien jipparteċipa, ħafna drabi b'suċċess, fl-irkant tal-kappillanija sew fix-Xewkija u anke f'xi rħula oħra. Din il-kappillanija propjament kienet tikkonsisti fid-dħul li



*Irċevuta li tmur lura 100 sena b'rabta mal-kappillanija tan-Nadur*

kien allokat lill-kappillan mid-dħul tal-parroċċa. Parti minnu kien ikun ġej mill-offerti tal-parruċċani li dak iż-żmien ħafna drabi kien jikkonsisti f'għotjiet ta' annimali u oġġetti bħal kapuni, sriedaq, tiġieġ u bajd. Il-kappillan kien jagħti dawn l-offerti lill-kumpratur biex ibigħhom bi profitt fis-suq. Il-Kappillan tax-Xewkija, Dun Pietru-Pawl Ciantar li kien serva bħala kappillan għal 44 sena, sabiex jagħmel l-aħjar użu minn dawn l-offerti u anke sabiex ma jkollux jagħmel l-għażla diffiċli lil liema kumpratur ser jagħżel, kien daħħal l-idea tal-irkant. Kull sena kien jistieden kumpraturi interessati sabiex jagħmlu l-offerti tagħhom. Nafu li Ġanni Magro kien jidħol għaliha u sikwit kien jeħodha hu bħalma ġieli rebaħ il-kappillanija f'Ta' Sannat u fin-Nadur, li wkoll kienu addottaw din l-idea.

Għall-ħabta tal-1909, meta n-negozju beda jikber, ir-remissa saret żgħira wisq u bena oħra ikbar flimkien ma' dar f'numru 5, Strada Corsa, illum Triq Indipendenza. Hu propju hawnhekk fejn l-azjenda Magro Brothers kienet irreġistrata meta ġiet formalment imwaqqfa fis-sena 1916.

Ġanni malajr induna li Għawdex kien limitat wisq, iżda minkejja dan għażel li jibqa' jgħix Għawdex u jaqsam sikwit lejn Malta minkejja li f'dawk iż-żminijiet it-traġitt xejn ma kien wieħed komdu. Hemm stabbilixxa kuntatti tajbin fejn seta' jinnegozja l-prodotti tiegħu. Beda jixtri prodotti agrikoli minn Għawdex kollu għas-swieq fil-Belt Valletta. Għaraf x'kienet id-domanda u beda jitlob lil dawk li jixtri minn għandhom sabiex ikabbru prodotti li kienu mitluba fis-suq. Għaraf ukoll jisfrutta d-domanda għall-prodotti mitluba frott il-preżenza tal-armata u tan-Navy Ingliża.

Ġanni narawh fost oħrajn jinnegozja l-patata. Kien ukolll jixtri u jesporta ż-żerriegħa tal-kemmun. Hekk per eżempju nafu li fl-1915 kważi 14,000 kilogramma ta' kemmun kienu ġew imkabbra fl-għelieqi tax-Xewkija. Jidher li Ġanni kien sab suq tal-kemmun Għawdxi fi Franza fejn kien ikun użat sew fil-ħobż u anke għall-użu mediċinali. Aktarx li l-prodott laħaq is-suq Olandiż ukoll. Ma nistgħux ma nsemmux l-involviment tiegħu fin-negozju tal-qoton fejn kien qed jiġi esportat speċjalment lejn Lancashire. (ritratt qoton)

Lil Ġanni narawh ukoll involut fit-tkabbir ta' għoġġiela li kien jimporta sabiex jitkabbru hawn. Kien jipprovdi lir-raħħala bil-frieħ u anke bl-ikel sabiex wara li jkabbruhom u jinqatlu, l-profitt jiġi maqsum. Aktar tard hu stess u anke wliedu kienu jkabbru dawn l-għoġġiela. Maż-żmien wessa' l-interess tiegħu anke fuq ix-xiri ta' bini u propjeta bħal lokal preżentament użat bħala Għassa tal-Pulizija fix-Xewkija, ir-raba taċ-Ċnus fejn ġiet proġettata Triq Rotunda u bosta ħbula oħra ta' raba fix-Xewkija u madwar Għawdex. Dan għamlu sabiex seta' jassigura dħul regolari u kapital garantit.


7 Settembre 1918

Giuseppe Hili vende cotone in lana a Giovanni Magro in sachi sette e parte di

Peso Brutto Rot 1283

Tara Rot 43·26

Peso Denso Rot 1239·4

Peso Netto Rot 1086-28

a scudi 105 per quintale

valgono £ 95-2-2

Irċevuta li turi n-negozju fil-qoton. Tmur lura għall-1918.

Nafu wkoll li kawża tal-Ewwel Gwerra Dinjija kienu qed jiddaħħlu f'Malta u f'Għawdex numbru kbir ta' midruba. Hekk li f'Għawdex biss fil-Forti Chambray kienu ġew ippreparati 400 sodda, inklużi oħrajn f'tined kif ukoll fil-btieħi tal-Isptar fir-Rabat u f'xi bini ieħor. Dan kollu għen sabiex tiżdied id-domanda għall-ikel fil-gżira, liema domanda għenet lin-negozju ta' Ġanni.

Minkejja l-ostaklu mhux żgħir tal-lingwa, speċjalment mal-Armata Ingliża, Ġanni qatt ma qata' qalbu. Nafu li kien juża s-servizzi ta' Lorenzo Zammit Haber għax-xogħol klerikali u anke interpreti biex jikkonkludi kuntatti mal-awtoritajiet militari. Minkejja dan, huwa fehem kemm l-Ingliż kien fundamentali għall-kummerċ. Għalhekk bagħat lil ibnu Salvatore l-iskola. U dan ibnu laħaq l-aspettattiv tal-ġenituri tiegħu u għamel progress sinifikanti fl-istudji tal-Ingliż. Iżda fil-verità ma tantx sabu lil ibnu għan-negozju għax dan ingħaqad mal-armata Ingliża fejn speċjalizza fil-mediċina.


M Giovanni Magro

Dr to Vincenzo Zammit

Saddisfatto

Irċevuta b'rabta max-xiri tas-smida

Kif semmejna qabel, fl-1916 meta issa kellu 50 sena, ħass li għandu jwaqqaf l-azjenda Magro Brothers bi tliet uliedu Wiġi, Ġużepp u Manweli bħala partners. Kienet din l-azjenda li mal-medda tas-snin kompliet tiżviluppa, tesplora forom ġodda ta' negozju u tespandi f'dik li llum żgur li aħna familjari magħha. Inċidentalment il-kumpanija reġgħet poġġiet il-bażi tagħha f'raħalna wara li kienet imxiet lejn ir-Rabat.

Ftit wara t-twaqqif tal-azjenda, issa bl-involviment ta' wliedu Wiġi, Ġużepp u Manweli, huma krew imħażen fl-Imġarr fejn setgħu jaħżnu merkanzija li tkun iddestinata lejn Malta. Huwa dokumentat li fl-1916, l-iktar ħaġa li kienu jimpurtaw kienet l-ismida. Hekk li fl-1917 kienu ġabu 3156 xkora ta' smida f'Għawdex. Komplew jiddeversifikaw in-negozju, bl-importazzjoni ta' diversi tipi ta' pulses. Komplew jixtru l-*Vaccina forestieria* (għoġġiela żgħar) sabiex ikabbruhom f'Għawdex, iżda din id-darba mhux permezz tal-aġenti imma direttament minn barra. Uliedu issa bdew isiefru huma stess sabiex jagħmlu kuntatti diretti. Mal-medda tas-snin bdew jimpurtaw fost oħrajn id-dqiq, ċereali u oġġetti oħra tal-ikel fosthom prodotti tal-Nestle u oħrajn tal-ħalib.

Aktar tard daħlu għall-ipproċessar tat-tadam u ta' min isemmi li l-ewwel impjant ġie installat fil-post numru 17 Triq Santa Katerina x-Xewkija, post li kienu xtraw xi snin qabel. Dan hu sewwasew il-post fejn illum insibu l-Każin tas-Soċjetà Filarmonika Prekursur. Nafu li fl-1933 kien diġà beda jopera bi prova. Imma wara ftit tas-snin, dan l-impjant ġie trasferit għar-Rabat.



*Il-wasla ta' boiler kbir għall-impjant tat-tadam.*

Jingħad li Ġanni u martu kienu karitatevoli ħafna mal-proxxmu. Fis-snin ta' wara l-Ewwel Gwerra Dinjija l-ħobż kien għoli u skars ħafna għalhekk kien hawn ħafna faqar speċjalment fil-familji numerużi. Nafu li bieb li dejjem infetaħ kull darba li ħabbtu fuqu, kien dak ta' Ġanni. Għall-ħabta ta' filgħaxija numru ta' tallaba kienu joħorġu jittalbu xi ħaġa x'jieklu għalihom u għall-familja. L-ewwel li kien jitqassam kienet xi kisra ta' ħobż abjad, wara Ġanna kien ikollha ddur għall-ħobż ismar u anke tax-xgħir sakemm xżin jispiċċa dan kienet iddur għax-xkora tal-ħarrub: la darba dan qatt ma seta' jiġi nieqes la darba kien jagħlfu minn lill-barrin. Fil-kesħa Ġanna kienet ukoll tagħtihom misħun biz-zokkor x'jixorbu.

Ġanni għen ukoll meta f'Mejju 1929 twaqqaf il-Każin tal-Banda Prekursur billi ħallas għall-sett ta' sitt korni li kienu nxtraw mingħand Carabott. Il-kappella ta' San Bartilmew jiġifieri dik Tal-Ħniena – il-post fejn kien trabba – kienet ħafna għażiża għalih. Fl-1933, fuq it-talba tar-Rettur Dun Ġużepp Attard, għen ġenerożament biex inbnew is-sagristija u sala kbira għat-tagħlim tad-duttrina lit-tfal.

Il-ħeġġa tiegħu l-Ħadd filgħodu kienet tieħdu jinvista ċ-Ċimiterju ta' Santa Marija u jibqa' sejjer sal-Kappella ta' Ħamet iddedikata lill-Madonna tal-Karmnu. Hawn insibu li kien ħallas biex sar il-Kurċifiss kbir li llum narawh fuq in-naħa tal-lemin ta' din il-Kappella. In-niċċa tal-Madonna tar-Rummiena li tinsab fil-parti tat-triq li tiġi bejn iċ-Ċimiterju u l-Kappella ta' Ħamet dejjem kellha tazza taż-żejt tixgħel quddiemha. Iżda fi żmien l-għaks, il-kaxxa tal-offerta ta' taħt din l-istatwa kienet tkun vojta, għalhekk insibu lil Ġanni jħallas għal dan iż-żejt biex Giuseppe Micallef (is-sagristan tal-Kappella ta' Ħamet) ikun jista' jkompli jixgħelha.

Fl-antik nhar l-ewwel tas-sena, liema jum kien jissejjaħ l-Istrina, it-tfal tar-raħal kienu joħorġu b'borża taċ-ċarruta f'idejhom biex jiġbru xi ħaġa żgħira tal-flus mingħand iz-zijiet u n-nanniet. Ġanni li kien joqgħod Nru 5 Strada Corsa kien jgħix preċiżament ħames bibien 'l fuq mill-Iskola tal-Bniet u sitt bibien 'l isfel minn dik tas-Subien, għalhekk nhar l-ewwel ġurnata tal-iskola wara l-vaganzi tal-Milied kien joħroġ fil-bieb tiegħu biex jagħti l-istrina lit-tfal tal-iskola.

Ġanni li issa kien qed jikber, baqa' joffri l-għajnuna tiegħu sakemm iċ-ċentru tan-negozju baqa' jopera mix-Xewkija iżda mbagħad ma baqax involut direttament. Huwa għadda l-aħħar seba' snin ta' ħajtu ma' bintu l-miżżewġa Ġannina f'dar ġdida fi Strada Corsa, liema dar li kien bena lil bintu Ġannina fl-okkażjoni taż-żwieġ tagħha ma' Antonio Farrugia.



Huwa miet fl-età ta' 78 sena nhar l-10 t'Ottubru 1943 fi Strada Corsa li sa dakinhar kienet bdiet tissejjaħ Racecourse Street. Martu Ġovanna għaddiet għall-ħajja ta' dejjem erba' snin u nofs wara fl-età ta' 77 sena sewwasew nhar it-2 ta'April 1948.

Ġanni, in-negozjant viżjunarju mix-Xewkija, kien bniedem ambizzjuż. Ma ħalliex it-tfixkil u d-diffikultajiet tal-insularità doppja tal-gżira Għawdxija jżommuh lura milli jinvesti, anzi kien kapaċi jdawwar l-isfidi f'opportunitajiet. U din iż-żerriegħa li żera kompliet tikber u tixxettel sal-lum.

Riferenzi: **Joseph Bezzina, A Century Of Enterprise On The Mediterranean Island Of Gozo**: Magro Brothers 1916-2016, 2016.